# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 521/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Luca Ferrera**

Imwieled l-Italja, fil-25 ta' Lulju, 1983 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 79053(A)

Illum it-8 ta' Jannar 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Luca Ferrera quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli b'diversi atti maghmulin minnu jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-stess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar it-12 ta' Awwissu, 2016 ghal-habta ta' 23.50hrs, bhala persuna responsabbli mil-istabbiliment Kafe Frans (Wild Honey), Triq Santa Lucija, il-Belt Valletta kif ukoll fil-jiem u fix-xhur ta'qabel f'dawn il-gzejjer:

1. Qieghedt imwejjed jew siggijiet f'xi triq biex jinghata servizz ta' íkel u xorb f'xi gurnata jew granet specjali jew specifici minghajr il-permess tal-kunsill lokali.

2. Inqast li thares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta'l-att dwar Servizzi ta'l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni sabitu hati u kkundannatu ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58) u wara li rat l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' elf u mitejn euro (€1200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha fil-parti fejn hija sabet l-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontrih u kkundannatu jhallas ammenda ta' Euro 23.29. Thassar, tikkancella u tirrevoka dik il-parti fejn sabet l-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba kontrih u fejn kkundannatu jhallas multa ta' Euro 1,200 ai termini tal-Art. 43(1)(b) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta'Malta u minflok tilliberah mit-tieni akkuza u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> L-EWWEL AGGRAVJU
>
> Illi l-ewwel aggravju jikkoncerna l-fatt li r-regolamenti li jirregolaw it-tqeghid ta'mwejjed u siggijiet go triq pubblika huma regolati mill-Kap. 441 tal-Ligijiet ta'Malta;
>
> Illi senjatament huwa ir-regolament numru 9(1)[1] li b'mod inekwivoku jispecifika li sabiex wiehed ikun jista'jqieghed imwejjed jew siggijiet barra jenhtieg permess specifiku minghand il-Kunsill Lokali;

---

[1] Ebda persuna ma tista' tqiegħed imwejjed jew siġġijiet f'xi triq biex jingħata servizz ta' ikel u xorb f'xi ġurnata, jew ġranet speċjali jew speċifiċi mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

Illi ghandu jinghad illi l-ksur ta'tali provediment huwa kopert bl-ewwel akkuza li sab ruhu rinfaccja biha l-appellant ghal liema akkuza huwa kien irregistra ammissjoni minnufih;

Illi ghandu jinghad li kemm mill-affidavits ipprezentati mill-prosekuzzjoni u kif ukoll mix-xhieda pprezentata mill-prosekuzzjoni, l-unika azzjoni li kienet tifforma mertu tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienet it-tqeghid tal-imwejjed u siggijiet fi triq pubblika;

Illi t-tieni akkuza tikkoncerna ksur ta'disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-turizmu ghal Malta;

Illi waqt li dan l-Att jirregola l-hrug ta' licenzji ghall-inter alia, hwienet tax-xorb u ikel, ma jirregolax it-tqeghid ta'mwejjed u siggijiet fi triq pubblika u konsegwentament billi wiehed iqieghed imwejjed u siggijiet fi triq pubblika ma jkunx qieghed jikser xi disposizzjoni ta'l-Att in kwistjoni;

Illi galadarba l-azzjoni in kwistjoni mhijiex irregolata mill-imsemmi Att, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet l-appellant hati ta'din l-akkuza migjuba kontrih;

IT-TIENI AGGRAVJU

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkoncerna d-decizjoni ta'l-Ewwel qorti li giet erronjament ibbazata fuq xhieda skorretta moghtija minN xhud li kien qieghed jirraprezenta lil Malta Tourism Authority;

Illi dan ix-xhud qal li hija kondizzjoni generali f'kull permess li l-persuna responsabbli minN stabbiliment (licencee) m'ghandux jikser ebda provvedimenti tal-Ligi;

Illi bir-rispett kollu, din mhijiex kondizzjoni generali f'kull permess izda hija regola generali ghal kull bniedem li jghix f'socjeta'civilizzata u regolata b'ligijiet;

Illi huwa inaccettabbli li l-Awtorita'tat-Turizmu tikkundanna kull licensee li jkun kiser regolamenti maghmula taht kwalsiasi ligi ohra;

Illi bil-linja ta'hsieb tal-Awtorita'tat-Turizmu dan il-provvediment jigi miksur kull darba li licencee ta' hanut jinsab hati talli ma jkunx hareg ricevuta fiskali, ikollu impjegat mhux registrat b'mod korrett jew ikollu xi ksur mir-regolamenti tas-sanita';

Illi bir-rispett kollu dan ir-ragunament huwa ghal kollox assurd stante li l-Awtorita' tista' tippenalizza ksur ta' regolamenti li jaqghu fl-ambitu ta'negozju gestiet minnha u mhux f'áttivatajiet li huma regolati u puniti min entitajiet/ligijiet ohrajn;

IT-TIELET AGGRAVJU

Illi t-tielet aggravju huwa bbazat fuq principju bazilari tal-ligi kriminali, u cioe'li jigi ppenalizzat darbtejn ghall-istess reat meta tali agir jikkostitwixxi l-ksur ta'provvediment wiehed tal-ligi;

Illi l-appellant jikkontendi li galadarba l-agir tieghu gie kkundannat u ppenalizzat taht il-Kap. 441 u nghatat ammenda kontrih ma jistax jerga'jigi kkundannat u ippenalizzat taht ligi differenti sakemm tali ligi ma tergax tispecifika li dak l-att huwa punibbli;

Illi l-kuncett ta'*ne bis in idem* jew *double jeopardy* hija bbazata fuq il-principju illi persuna mghandux jigi misjub hati ta'l-istess reat darbtejn sakemm dak ir-reat ma jiksirx zewg provedimenti ta'ligijiet diversi per ezempju meta wiehed jinstab hati ta'traffikar tad-droga jigi kkundannat taht il-Kap. 101 u kif ukoll taht il-Kap. 373 tal-Ligijiet ta'Malta stante li l-att in kwistjoni jikkostitwixxi zewg reati differenti taht zewg ligijiet differenti;

Illi fil-kaz in dezamina l-fatt li wiehed iqieghed imwejjed barra bla permess jikser ligi wahda u mhux tnejn kif ipprova jikkontendi r-rapprezzentant tal-Awtorita'Maltija ghat-Turizmu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Otturbu 2019 fejn l-appellant qanqal aggravju iehor marbut man-nullita tas-sentenza appellata ghar-ragunijiet hemmhekk indikati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi mqanqla l-pregudizzjali marbuta man-nullita tas-sentenza appellta, l-Qorti ghandha *in primis* tistharreg dan l-ilment qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra sollevati fir-rikors ta'l-appell. L-appellant jikkontendi illi s-sentenza appellata tippekka f'diversi modi u dan mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti naqqset milli ticcita d-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom giet imsejsa is-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni, izda ukoll ghaliex hemm diskrepanzi serji fis-sentenza miktuba *di proprio pugno* mill-gudikant u dik dattilografata fejn il-piena erogata ghall-ewwel imputazzjoni hija wahda differenti, u ukoll anke id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha giet imsejsa il-htija ghat-tieni imputazzjoni ma hijiex identika.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant ghandu ragun. Illi minn daqqa t'ghajn lejn is-sentenza miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* fuq il-komparixxi hemm indikat is-segwenti:

> **"HATI**
>
> **1. €23.29 Ammenda Ammissjoni**
>
> **2. Rat l-artikolu 4(1)(b) tal-Kap 409, €1200 multa"**

Illi imbaghad s-sentenza dattilografata li tinsab a fols. 12 sa 14 tal-atti proceswali taqra hekk:

> **"Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni ssibu hati taghha u tikkundannah <u>ammenda ta' tmienja u hamsin Ewro (€58)</u>, u wara li rat l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-ieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah <u>multa ta' elf u mitejn euro (€1200)</u>."**

Illi id-diskrepanza bejn dawn iz-zewg decizjonijiet tirrizulta ghalhekk *ictu oculi*. Illi l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddisponi illi:

> **"Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Issa gie deciz illi:-

> **"..... il-Qorti tosserva li la l-artikolu 377(1) u anqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-maġistrat; dak li trid il-liġi hu li dak li jgħid il-maġistrat meta jagħti s-sentenza jiġi reġistrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza.[2]"**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa l-persuna misjuba hatja u cioe' l-appellant ma setax jkun f'posizzjoni jaghraf liema kienet dik il-piena li huwa gie ikkundannat ghaliha u wisq anqas abbazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi tirrizulta l-htija tieghu. Huwa evidenti allura illi s-sentenza appellata ma hijiex konformi ma' din id-disposizzjoni tal-ligi bil-konsegwenza allura li gjaldarba ma tissodisfax il-vot tal-ligi, din il-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja biex tikkonsidra l-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-appellanti Luca Ferrera ghal varjazzjoni u/jew revoka tal-istess. Dan ghaliex certament huwa mistenni illi dak li jkun hemm fin-notamenti tal-gudikant ghandu jiġi rifless imbaghad fis-

---

[2] ***Il-Pulizija vs. Albert Bezzina*** deċiża nhar il-25 ta' Lulju 1994, App.Inf.

sentenza finali. Issa f'dan il-kaz mhux biss hemm din id-diskrepanza izda lanqas s-sentenza uffiċjali ma tirrispetta r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fejn lanqas id-disposizzjoni tal-ligi li ababzi ta'l-istess tirrizulta s-sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza hija nieqsa.[3]

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-preġudizzjali mqajjma mill-appellant u konsegwentement qed tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali ser tghaddi ghas-smiegh milli gdid tal-kaz bl-aggravji tal-appellant ser jitqiesu bħala sottomissjonijiet fil-mertu.

Ikkunsidrat:

Illi fil-mertu l-appellant jikkontendi illi hu m'għandux jinstab ħati tat-tieni mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan peress illi gjaladarba ammetta l-ewwel imputazzjoni, huwa kien qed jigi kkundannat ghall-infrazzjoni tal-ligi minnu kommessa, li certament ma taqax taht dak dispost fl-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijeit ta' Malta u li tikkostitwixxi allura t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Jikkontendi illi din l-infrazzjoni kienet tikkonsisti fin-nuqqas ta' permess mehtieg mill-Kunsill Lokali tal-Belt sabiex iqieghed siġġijiet u mwejjed barra l-ħanut tiegħu f'post pubbliku u mhux ksur tal-permess jew licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu

[3] Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis deċiża nhar l-4 ta' Marzu 2011 ġie deċiż li hija l-kopja uffiċjali maħruġa mid-Deputat Reġistratur li tagħmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti miktuba mill-Maġistrat fuq iċ-ċitazzjoni. Anzi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno Camilleri deċiża nhar il-31 t'Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta kienet marret oltre meta waslet għad-deċiżjoni tan-nullita tas-sentenza wara li, inter alia, iddeċidiet li l-kopja tas-sentenza li tagħmel stat fil-konfront tal-partijiet hija dik iffirmata mid-Deputat Reġistratur u mhux dik iffirmata mill-Maġistrat. L-appunti tal-Maġistrat jibqgħu proprjeta tal-Maġistrat li jkun kitibhom u xejn aktar. Din is-sentenza Camilleri ingħatat fuq l-iskorta ta' dak deċiż minn din il-Qorti preċedentement fil-kawża Bezzina aktar il-fuq imsemmija. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet ta' Pulizija vs Brian Micallef, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Frar, 2011 (Appell Kriminali Numru. 266/2010).

sabiex jopera l-istabbiliment kummercjali tieghu u allura ma tirrizula l-ebda reita' ghat-tieni akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tal-atti u tal-affidavits tal-pulizija investigattiva kif ukoll mix-xiehda ta' Dr. Michael Camilleri bhala rapprezentant tal-Malta Tourism Authority jirrizulta illi nhar it-12 ta' Awwissu 2016 għall-ħabta ta' bejn il-23:00 u nofs il-lejl, il-pulizija mill-għassa tal-Belt kienu qegħdin jagħmlu ronda f'diversi toroq fejn ġie nnutat illi quddiem il-Ħanut 'Kafe Frans (Wild Honey), sitwat ġewwa l-indirizz 127, Triq Santa Luċija, Valletta, kien hemm ħames imwejjed u tnax-il siġġu barra fit-triq. Kif il-pulizija kellmu lill-appellant hu mal-ewwel ammetta maghhom illi ma kellux permess biex joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet in kwistjoni.

Illi mid-dokument esebiet a folio 8 *et sequitur* tal-process jirrizulta illi l-appellant kellu liċenzja valida għat-tmexxija tal-ħanut in kwisjtoni. Illi l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 intitolat Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu Għal Malta hemm dispost:

> **Kull min:**
>
> **(1)(b) meta jkollu liċenza, jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza;**
>
> **ikun ħati ta' reat u għandu, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), u f'każ ta' reat taħt il-paragrafu (b), jew dwar reat taħt il-paragrafu (ċ), jekk il-ħati jibqa' għaddej bir-reat għal aktar minn tliet xhur, ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin.**

Illi l-kundizzjonijiet tal--liċenzja maħruġa mill-Awtorita' tat-Turiżmu favur l-istabbiliment immexxi mill-appellant huma elenkati a folio 11 tal-atti proċesswali fejn l-liċenza in kwistjoni inħarġet taħt is-segwenti kundizzjonijiet ġenerali:

*(a) The licensee abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Autority as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta.*
*(b) Price lists, including also any additional charges, are to be clearly and prominently displayed so as to be easily seen by prospective customers.*
*(c) Without prejudice to any new licensing and classification regulations governing catering establishment that the authority may in future determine.*
*(d) To provide, on the outer side of their premises entrance, a receptacle or means for the disposal of cigarette butts. The receptacle is to be kep clean and should not carry any advertising'.*

Issa huwa indubitat illi l-appellant kien il-persuna responsabbli ghall-istat ta' fatt illegali ta' tpoggija ta' siggijiet u imwejjed barra l-istabbiliment tieghu bla licenzja jew permess mehtieg fil-ligi. Din l-infrazzjoni tal-ligi manadankollu, fil-fehma tieghu tista' tikkostitwixxi ksur tar-regolamenti mahruga taht l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc izda mhux ukoll vjolazzjoni tal-artikolu 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax taqbel ma' din id-difiza imqanqla mill-appellant. Dan ghaliex l-artikolu 43(1)(b) hawn fuq iccitat johloq ir-reat kontra l-*licensee*, sostitut jew operatur li jonqos milli ihares il-kundizzjonijiet li fuqhom hija mahruga l-licenzja fosthom allura illi t-tmexxija ta'l-istabbiliment ghandu ihares kull ligi jew regolament fis-sehh fil-ligi Maltija u dan kif rifless fil-kundizzjoni (a) hawn fuq iccitata.

Illi din il-Qorti tistqarr illi mill-provi li hemm fl-atti ma jirrizultax illi l-appellant ikkometta din l-infrazzjoni f'xi okkazzjoni jew jum partikolari fejn allura kellu jitlob il-permess fit-termini tar-regolament 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 441.04 izda jidher illi huwa abitwalment johrog l-imwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment sabiex joffri is-servizz lill-klijent tieghu ukoll fl-ambjenti ta' barra[4] tant illi huwa akkuzat bir-reat fil-forma kontinwata tieghu kif mahsub fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Illi allura certament hemm il-vjolazzjoni tar-regolament 15 tal-Legislazzjoni sussidjarja 409.08., li

[4] Ara affidavit ta' PC1253 Brincat a fol.4 tal-process

ghalkemm l-appellant ma huwiex akkuzat bil-ksur ta'l-istess, madanakollu l-imsemmija regolamenti jaqghu taht l-Att principali u allura huwa indubitat illi hemm l-infrazzjoni tal-ligi f'dan il-kaz kif indikat fit-tieni imputazzjoni aktar milli ghall-ewwel wahda li ghaliha l-appellant jidher li ammetta. Tant hu hekk illi r-regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 jiddisponi illi:

> **"It-tharis tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandu jitqies li jkun kondizzjoni li ghaliha tkun suggetta licenza biex tigi operata xi attività turistika, irrispettivament jekk issirx riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenza nnifisha."** (sottolinjar tal-Qorti).

Biex b'hekk r-regolamenti li jirregolaw it-tqeghid ta' imwejjed u siggijiet f'zona pubblika hija kundizzjoni *sine qua non* tal-licenjza ghalkemm l-istess ma tkunx giet indikata specifikatament biex b'hekk l-att materjali f'dan il-kaz tat-tqeghid ta' ghamara fit-triq awtomatikament twassal ghall-infrazzjoni tal-ligi u ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja kif hemm imfisser fl-artikou 43(1)(b) tal-Kapitolu 409.

Għaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat ir-regolament 9(1) u 13(12) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 u l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9), taqta' u tiddeciedi billi ssib lil Luca Ferrera hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u mitejn ewro (€1200).

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur